# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tad-19 ta' Marzu 2015 –City Cycle Industries vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-413/13)**

"Dumping — Importazzjonijiet ta' roti mibgħuta mill-Indoneżja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija — Estensjoni, għal dawn l-importazzjonijiet, tad-dazju antidumping definittiv stabbilit fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw miċ-Ċina — Evażjoni — Nuqqas ta' kooperazzjoni — Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball ta' evalwazzjoni — Ugwaljanza fit-trattament — Aċċess għall-fajl"

1. *Proċedura ġudizzjarja — Intervent — Eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mhux imqajma mill-konvenut — Inammissibbiltà (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 40; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 116(3)) (ara l-punti 42, 43)*

2. *Proċedura ġudizzjarja — Tressiq ta' motivi ġodda fil-mori tal-kawża — Kundizzjonijiet — Motiv ġdid — Kunċett — Tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali bħala miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura — Esklużjoni (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 48) (ara l-punt 47)*

3. *Politika kummerċjali komuni — Protezzjoni kontra l-prattiki ta' dumping — Żvolġiment tal-investigazzjoni — Setgħat tal-Kummissjoni — Limiti — Obbligu ta' kooperazzjoni ta' impriżi suġġetti għal ilment — Portata (Regolament tal-Kunsill Nru 1225/2009) (ara l-punti 64, 81)*

4. *Politika kummerċjali komuni — Protezzjoni kontra l-prattiki ta' dumping — Evażjoni — Determinazzjoni ta' evażjoni — Spedizzjoni tal-prodott suġġett għal miżuri antidumping permezz ta' pajjiżi terzi — Kriterji ta' evalwazzjoni — Ċirkustanzi li ma jippermettux li jiġi konkluż li hemm l-eżistenza ta' spedizzjonijiet mill-ġdid (Regolament tal-Kunsill Nru 1225/2009, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 13(2)) (ara l-punt 99)*

5. *Politika kummerċjali komuni — Protezzjoni kontra l-prattiki ta' dumping — Żvolġiment tal-investigazzjoni — Użu ta' data disponibbli fil-każ ta' rifjut ta' ta' kooperazzjoni tal-impriża — Kundizzjonijiet — Natura alternattiva (Regolament tal-Kunsill Nru 1225/2009, Artikolu 18(1)) (ara l-punt 108)*

6. *Politika kummerċjali komuni — Protezzjoni kontra l-prattiki ta' dumping — Żvolġiment tal-investigazzjoni — Użu ta' data disponibbli fil-każ ta' rifjut ta' kooperazzjoni tal-impriża — Kundizzjonijiet — Informazzjoni falza jew qarrieqa — Neċessità ta' aġir intenzjonali — Assenza (Regolament tal-Kunsill Nru 1225/2009, Artikolu 18(1)) (ara l-punt 117)*

7. *Politika kummerċjali komuni — Protezzjoni kontra l-prattiki ta' dumping — Żvolġiment tal-investigazzjoni — Użu ta' data disponibbli fil-każ ta' rifjut ta' kooperazzjoni tal-impriża — Kundizzjonijiet — Wasla ta' viżta ta' verifika — Ċirkustanza li ma tinvolvix għaliha stess konstatazzjoni ta' kooperazzjoni leali u diliġenti (Regolament tal-Kunsill Nru 1225/2009, Artikolu 18(1)) (ara l-punti 118, 119)*

8. *Politika kummerċjali komuni — Protezzjoni kontra l-prattiki ta' dumping — Żvolġiment tal-investigazzjoni — Teħid inkunsiderazzjoni tal-informazzjoni li ma hijiex ideali fl-aspetti kollha — Kundizzjonijiet — Natura kumulattiva (Regolament tal-Kunsill Nru 1225/2009, Artikolu 18(3)) (ara l-punt 120)*

9. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Deċiżjoni li tintuża data disponibbli fil-każ ta' rifjut ta' kooperazzjoni tal-impriża suppetta għal investigazzjoni antidumping — Obbligu ta' istituzzjonijiet li turi l-użu tal-aħjar data possibbli — Assenza (Artikolu 296 TFUE ; Regolament tal-Kunsill Nru 1225/2009, Artikolu 18(1)) (ara l-punti 125, 132)*

10. *Dritt tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji — Proporzjonalità — Natura proporzjonata ta' miżura — Kriterji ta' evalwazzjoni (ara l-punt 137)*

11. *Politika kummerċjali komuni — Protezzjoni kontra l-prattiki ta' dumping — Proċedura antidumping — Drittijiet tad-difiża — Dritt ta' smigħ — Dritt ta' aċċess għad-dokumenti mhux kunfidenzjali tal-proċedura (Regolament tal-Kunsill Nru 1225/2009, Artikolu 6(7)) (ara l-punti 151-153)*

12. *Politika kummerċjali komuni — Protezzjoni kontra l-prattiki ta' dumping — Proċedura antidumping — Effett ta' irregolaritajiet proċedurali fuq il-legalità ta' regolament li jistitwixxi dazi antidumping — Kundizzjonijiet — Neċessità għall-impriża kkonċernata li twissi lill-istituzzjonijiet bi problemi eventwali li jirriżultaw minn istituzzjonijiet irregolaritajiet proċedurali (ara l-punti 154, 155, 158)*

13. *Dritt tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji — Ugwaljanza fit-trattament — Kunċett (ara l-punt 164)*

14. *Politika kummerċjali komuni — Protezzjoni kontra l-prattiki ta' dumping — Evażjoni — Prova tal-eżistenza ta' dumping b'rabta mal-valuri normali stabbiliti matul l-investigazzjoni inizjali — Determinazzjoni tal-prezz ta' esportazzjoni — Obbligu li jintuża l-metodu l-iktar xieraq (Regolament tal-Kunsill Nru 1225/2009, Artikolu 13(1)) (ara l-punti 168, 169, 171, 172)*

## Suġġett

Talba għal annullament parzjali tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 501/2013, tad-29 ta' Mejju 2013, li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 990/2011 fuq importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' biċikletti kkunsinjati mill-Indoneżja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fl-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija kif ukoll jekk le (ĠU L 153, p. 1).

## Dispożittiv

1) L-Artikolu 1(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 501/2013, tad-29 ta' Mejju 2013, li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 990/2011 fuq importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' biċikletti kkunsinjati mill-Indoneżja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fl-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija kif ukoll jekk le, sa fejn jikkonċerna lil City Cycle Industries, huwa annullat.

2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż ta' City Cycle Industries kif ukoll l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

3) Il-Kummissjoni Ewropea u Maxcom Ltd għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.